# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 19**

**Rikors numru 199/12/1 JRM**

**Michael Zammit, Anthony Zammit u Salvu Zammit & Sons Limited (C10097)**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

1. Dan huwa appell wara kawża mibdija mill-atturi appellanti permezz ta' liema qed jikkontestaw tlett Noti ta' Qbid li nħarġu mill-appellat *ai termini* tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur Michael Zammit huwa l-proprjetarju tal-bastiment M/T San Bert li jiġi operat bħala *fuel barge* mis-soċjeta` attriċi Salvu Zammit & Sons Limited li tużah sabiex tissuplixxi *fuel* lil bastimenti oħrajn. Dan il-bastiment ġie sekwestrat fl-1 ta' Frar 2012 mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota

ta' Qbid numru 14/2012 stante allegat ksur tal-Artikoli 68(1), 69(1) u 92 tal-Ordinanza tad-Dwana u l-Artikolu 17(2) tal-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa. Dan il-qbid tal-bastiment ġie kontestat mill-attur permezz ta' ittra mibgħuta a tenur tal-Artikolu 28 tal-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa u fl-istess ittra l-attur għamel talba għar-rilaxx tal-bastiment bil-kondizzjoni li ssir garanzija bankarja li tkopri l-valur tal-bastiment, liema talba ġiet milqugħa. Ftit tal-jiem wara nħarġu żewġ Noti ta' Qbid oħra, waħda bin-numru 10/2012 fir-rigward ta' ħdax-il elf litru ta' *Gasoil*, u l-oħra bin-numru 11/2012 fir-rigward ta' *Tanker Truck*. Dawn in-Noti ta' Qbid inħarġu xi żmien wara li kien effettivament sar il-qbid peress li kienu qed isiru xi investigazzjonijiet fuq il-każ. L-atturi kkontestaw il-ħruġ ta' dawn in-Noti ta' Qbid u talbu li dawn il-*gasoil* u *tanker truck* ukoll jiġu rilaxxati fuq kondizzjoni ta' garanzija bankarja. L-atturi jikkontendu illi dawn in-Noti ta' Qbid huma nulli u llegali għaliex, a kuntrarju ta' dak rikjest mill-Artikolu 72 (1) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jagħtux raġuni għalfejn sar il-qbid, u dan partikolarment ikkonsidrat li l-liġi tpoġġi fuqhom l-oneru li jipprovaw li ma hemm l-ebda llegalita`.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li n-noti ta' Qbid numri : 14/2012, 10/2012 u 1//2012 huwa nulli u illegali għal kull effetti tal-liġi stante li huma bi ksur ta' l-Artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tordna lil-intimat jirrilaxxa l-garanzija bankarja maħruġa favuriha mir-rikorrent fil-konfront tan-nota ta' qbid 14/2012, il-Gasoil miżmum permezz ta' nota 10/2012 jew kwalunkwe garanzija li setgħat inħarget wara l-preżentata ta' dan ir-rikors fil-konfront ta' din in-nota ta' qbid, il-

vettura miżmuma permezz ta' nota 11/2012 jew kwalunkwe garanzija li setgħat ħarġet wara l-preżentata ta' dan ir-rikors fil-konfront ta' din in-nota ta' qbid;

3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent bħala konsegwenza tal-ħruġ tan-noti ta' Qbid 14/2012, 10/2012 u 11/2012;

4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundannah li jħallaslir-rikorrenti kwalsiasi ammont li jiġi likwidat.

Bl-ispejjeż u interessi legali kontra l-intimat li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni."

3. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) eċċepixxa, *inter alia,* illi l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat b'dawn il-proċeduri, li l-azzjoni odjerna kellha tiġi ntavolata permezz ta' rikors u mhux ta' rikors ġuramentat, li Anthony Zammit ma jistax jikkontesta n-Noti ta' Qbid numru 10 u 11 tas-sena 2012 f'ismu proprju stante li mhux indikat bħala l-persuna li qed tintavola l-kawża odjerna, li n-Noti ta' Qbid inħarġu għal raġunijiet validi fil-liġi, li l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippreskludihx milli joħroġ ukoll avviż ta' qbid bil-miktub meta l-oġġetti jinqabdu fil-preżenza tas-sid/il-ħati bħalma ġara f'dan il-każ, li r-rikorrent kellu kull opportunita` li jikkontesta l-qbid *ai termini* tal-istess artikolu iżda għazel li ma jagħmilx dan, li r-raġunijiet għal qbid ingħataw verbalment fil-mument effettiv tal-qbid fil-prezenza tas-sid kif kontemplat fil-liġi u fin-noti ta' qbid hemm spejgat b'mod konċiż ir-raġuni għalfejn inħarġu.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Marzu 2018 ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi :
>
> Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari billi ġiet eżawrita fil-mori tal-kawża ;
>
> Tilqa' l-eċċezzjonijiet tad-Direttur imħarrek ;
>
> Tiċħad l-ewwel talba attriċi billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt fl-ebda kawżali tagħha ;
>
> Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba ; u
>
> Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi."

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-2 ta' April 2018 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat u tilqa' t-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-24 ta' April 2018 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. Il-Qorti tibda billi tirrileva li għandu raġun l-appellat li Anthony Zammit m'għandu l-ebda *locus standi* f'dan l-appell. Jirriżulta li l-ewwel Qorti kkonkludiet li Anthony Zammit ma jistax jikkontesta l-ebda waħda

min-Noti ta' Qbid mertu ta' dawn il-proċeduri peress li l-ebda waħda minnhom ma nħarġet f'ismu proprju. Mir-rikors tal-appell jirriżulta li għalkemm l-appell sar ukoll minn Anthony Zammit, l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju fir-rigward ta' din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti, li għalhekk saret *res judicata.* Għaldaqstant il-Qorti tqis illi mhuwiex possibbli għal Anthony Zammit li jressaq dan l-appell u konsegwentement sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell fir-rigward ta' Anthony Zammit.

**L-Ewwel u t-Tieni Aggravju**

8. Peress illi dawn iż-żewġ aggravji huma pjuttost konnessi, il-Qorti tqis li jkun utli li jiġu trattati flimkien.

9. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw dwar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti illi l-forma u kontenut tan-noti ta' qbid huma validi u li għalhekk mhumiex nulli. Jargumentaw li għalkemm l-ewwel Qorti skartat għal kollox ir-relevanza tad-dati msemmija fil-qbid, dawn id-dati huma ta' relevanza konsiderevoli għal finijiet tal-proċedura addottata mid-Direttur Ġenerali għaliex mhemmx qbil dwar meta sar il-qbid. Skont l-appellanti, għalkemm fir-risposta tiegħu d-Direttur Ġenerali jsostni li l-qbid tal-vettura KAB487 u l-*gasoil* fl-istess vettura sar fl-4 ta' Novembru 2010, mix-xhieda ta' Uffiċjal tad-Dwana Anthony Fenech jirriżulta li l-qbid

ma sarx dakinhar. Skont l-appellanti l-qbid sar sena u sitt xhur wara din id-data, u ċioe` fil-31 ta' Jannar 2012, u li dan żgur huwa l-każ ikkonsidrat li kieku kien minnu li l-qbid sar fl-4 ta' Novembru 2010 id-Direttur Ġenerali seta' joġġezzjona għal dawn il-proċeduri peress li jkunu saru *fuori termine*. Isostnu għalhekk li dan ifisser li l-informazzjoni fuq in-noti ta' qbid mhijiex korretta u tagħti stampa żbaljata. Iżidu li mhuwiex minnu li l-avviż inħareġ biss bħala formalita` għaliex skont il-liġi l-ħruġ tal-avviż huwa parti minn proċedura stretta.

10. Fit-tieni aggravju jargumentaw illi huwa ndubitat u ċar li fin-Noti ta' Qbid mhemmx tagħrif għalfejn sar il-Qbid għaliex fihom hemm biss indikat l-artikoli tal-liġi fuq liema bażi jista' jsir il-qbid. Jargumentaw li wieħed irid pero` janalizza r-raġunijiet kif indikati mid-Direttur Ġenerali fil-kuntest tal-fatt illi jridu jkunu r-rikorrenti li jibdew proċeduri sabiex jipprovaw li m'għamlu xejn ħażin u għalhekk huwa kruċjali li d-Direttur Ġenerali jagħti raġunijiet fuq il-fatti tal-każ minflok jikkwota dispożizzjonijiet tal-liġi, liema dispożizzjonijiet ma jistgħu jagħtu ebda raġunijiet fuq il-fatti tal-każ. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti dwar l-esperjenza tagħhom jgħidu illi din l-esperjenza bl-ebda mod ma teżonera lid-Direttur Ġenerali milli jsegwi dispożizzjonijiet tal-liġi.

11. L-appellat jirribatti li dawn l-aggravji huma insostenibbli għaliex huma bbażati fuq spekulazzjoni gratuwita u li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha.

12. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi l-atturi jilmintaw ukoll mill-fatt li jgħidu li, meta nqabdu ħwejjiġhom, ma ngħataw l-ebda raġuni għaliex kien qiegħed isir hekk. Jilmintaw ukoll li lanqas meta, xi żmien wara, nħarġu n-Nota ta' Qbid mertu tal-kawża, ma ngħatat ir-raġuni għaliex kien sar il-qbid. Id-Direttur imieri dan l-ilment;
>
> Illi huwa minnu li, fil-qasam tad-dritt amministrattiv, deċiżjonijiet meħuda minn awtorita` pubblika li jolqtu l-ġid jew l-interessi taċ-ċittadin iridu jittieħdu għal raġuni u mhux b'mod kapriċċjuż. Minbarra dan, il-persuna milquta trid tkun mgħarrfa wkoll x'kienet jew kienu r-raġunijiet għaliex l-awtorita' pubblika tkun ħadet dik id-deċiżjoni. Biex jitqies li awtorita' tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorita` tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorita' tkun ħadet fil-konfront tagħha, iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunita` illi ssemma' leħenha, u f'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorita` toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorita` għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunita' xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha;
>
> Illi formalment ir-raġunijiet imsemmijin mid-Direttur biex ifissru għaliex sar il-qbid tal-karburant, tal-barkun u tal-bowser jinsabu msemmija fuq it-tliet Noti rispettivi f'dik it-Taqsima li tgħid "Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid". It-tagħrif mogħti jikkonsisti f'tismija ta' dispożizzjonijiet tal-liġi mill-Kap 37 u mill-Kap 382. Il-fatt li l-formola tan-Nota tuża l-kelma "għaliex" ifisser biss li dik tkun ir-raġuni li għaliha jkun sar il-qbid. L-atturi jisħqu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jissemmew fin-Noti ma humiex raġunijiet, imma biss "il-bażi legali fuq liema l-Kontrollur tad-Dwana setgħa jordna tali qbid". Meta l-Qorti fliet l-artikoli tal-liġi msemmijin fit-tliet Noti ta' Qbid sabet li, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-atturi, id-dispożizzjonijiet huma provvedimenti sostantivi (li jsemmu imġiba, azzjonijiet jew omissjonijiet li l-liġi tissanzjona) u mhux proċedurali. Minn qari tagħhom, wieħed jifhem x'ikun wassal għall-qbid u liema ksur tal-liġi jkun qiegħed jipprospetta. Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi li ma ngħatawx ir-raġunijiet għaliex sar il-qbid. Jidher ukoll li, għalkemm in-Noti nħarġu xhur wara li sar il-qbid, kienet ingħatat ukoll ir-raġuni lill-attur Michael Żammit dakinhar (f'Novembru tal-2010)

li ntalab itella' l-bowser lejn Ħal Far (ħaġa li jidher li huwa għamel bla ma qagħad iħaqqaqha) u dakinhar li l-karburant li kien hemm fih ittieħdu kampjuni minnu u nqabad ukoll. L-atturi għandhom snin ta' esperjenza fil-qasam u ma jistax ikun li azzjoni bħal dik meħuda mid-Direttur ma kinux tabilħaqq jafu fiex kienet tikkonsisti u minħabba xiex ittieħdet;

Illi, kif tgħid il-liġi u kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, fiċ-ċirkostanzi li nqala' l-każ il-liġi tagħti li jinqabdu oġġetti fil-preżenza tal-ħati jew tas-sid u f'dak il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li jingħata dan l-avviż, u li r-raġuni tal-qbid tista' tingħata wkoll bil-fomm;

Illi għalhekk, safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq in-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet jew fuq nuqqas ta' ħarsien tal-formalitajiet maħsuba fil-liġi dwar il-ħruġ tan-Noti ta' Qbid, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi mhijiex mistħoqqa u ma ntweriex li d-Direttur jew l-uffiċjali tiegħu mxew mal-atturi bi ksur tal-liġi;"

## ***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

13. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-Qorti tosserva li mill-provi jirriżulta li l-qbid effettivament sar qabel il-ħruġ tan-noti ta' qbid. Jirriżulta illi l-qbid oriġinarjament sar għaliex *prima facie* kien jidher li hemm ksur tal-liġi għaliex, skont ix-xhieda ta' Anthony Fenech, minn testijiet preliminari rriżulta li l-*gasoil* kien irregolari. Għalhekk kienet saret il-konfiska sakemm l-Awtoritajiet investigaw il-każ u għamlu l-analiżi u l-verifiki neċessarji. Sussegwentement inħarġu n-noti ta' qbid in kwistjoni wara li rriżulta lil Awtorita` ksur ta' liġi fil-ġarr u l-ħażna tal-*gasoil* u wkoll intenzjoni li jsir użu lleċitu` mill-istess *gasoil,* u dan skont ma jirriżulta mix-xhieda ta' Albert Scerri. Il-Qorti ma tara xejn irregolari f'dan, u tqis li dan l-argument huwa fieragħ.

14. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li f'dan il-każ ma kienx hemm bżonn li l-appellanti jingħataw avviż bil-miktub. L-Artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> "Kull meta jsir qbid, **barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid**, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda,jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħrufbħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta." [enfazi ta' din il-Qorti]

15. Huwa ċar għalhekk li skont il-liġi, meta l-qbid isir quddiem il-ħati jew is-sid mhemmx bżonn li jingħata avviż bil-mitkub, u dan a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti. Peress li f'dan il-każ jirriżulta li l-qbid sar quddiem is-sid, isegwi li skont il-liġi ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jingħata wkoll avviż bil-mitkub.

16. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ in-Noti ta' Qbid kienu jindikaw suffiċjentement ir-raġunijiet għalfejn inħarġu. L-artikoli li ġew indikati f'dawn in-Noti ta' Qbid ifissru b'mod ċar f'hiex jikkonsisti l-ksur tal-liġi prospettat, b'mod għalhekk illi minn qari tagħhom diġa` jsir pjuttost evidenti x'kien il-ksur tal-liġi li qiegħed jiġi addebitat. F'dan il-każ terġa' Michael Zammit kien preżenti meta ġew elevati kampjuni mill-*gasoil* u sar il-qbid, u għalhekk aktar u aktar kien jaf x'kien il-ksur ta' liġi li l-appellanti kienu qed jiġu akkużati bih. Għalkemm il-Qorti tqis illi jkun ferm aħjar li kieku n-Nota ta' Qbid tagħti r-

raġunijiet fattwali li wasslu għal dak il-qbid sabiex is-sid ikun jista' jirregola ruħu sew, din is-sentenza trid tkun neċessarjament ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża u l-fatti li għandha quddiemha l-Qorti. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti tqis illi l-appellanti ngħataw informazzjoni suffiċjenti, kemm meta sar il-qbid fil-preżenza ta' Michael Zammit stess, u mbagħad bl-indikazzjoni ta' artikoli li jistabbilixxu reat li huwa pjuttost *self-explanatory* u għalhekk l-appellanti kellhom biżżejjed informazzjoni sabiex ikunu f'pożizzjoni li jintavolaw il-proċeduri ġudizzjarji kontemplati fil-liġi għar-rilaxx tal-oġġetti maqbuda.

17. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dawn l-aggravji huma nfondati u qed jiġu miċħuda.

**It-tielet Aggravju**

18. Dan l-aggravju jitratta l-vettura KAB 487 u permezz tiegħu l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti skartat għal kollox l-argument li ġabu huma fuq id-disorganizazzjoni amministrattiva tad-Direttur Ġenerali (Dwana). Jargumentaw li fiż-żmien meta seħħ l-allegat ksur tal-liġi, l-ebda operatur jew distributur tal-*gasoil* ma kien kopert b'ċertifikat ta' *tax warehouse,* u dan għaliex fis-sena 2010 id-Direttur Ġenerali ma ġeddidx dawn iċ-ċertifikati, u għalhekk dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda vettura, bastiment jew maħżen li kien kopert b'ċertifikat validu. Tgħid li mix-xhieda

ta' Albert Scerri jirriżulta li dak iż-żmien id-Direttur Ġenerali kien qiegħed iħalli operaturi oħra bħal l-appellanti jużaw vetturi, vapuri u mħażen mingħajr ma kienu koperti b'ċertifikat, u li mix-xhieda ta' Chris Cini jirriżulta li dment li d-Dipartiment tad-Dwana jkun informat dwar il-ġarr tal-*gasoil* il-vettura mertu tal-kawża setgħat topera daqs kwalunkwe vettura oħra li kellha ċertifikat ta' *tax warehouse* skadut u dan wara kommunikazzjoni verbali mad-Dipartiment tramite telefonata lil *Fuel Section* kif ikkonfermat minn Abert Scerri u Joseph Chetcuti. Tilmenta li huwa żgur li kien hemm nuqqas kbir ta' amministrazzjoni professjonali min-naħa tad-Dwana u li kien hemm kaos sħiħ minħabba li ċ-ċertifikati ta' *tax warehouse* ma kinux qed jinħargu jew jiġu mġedda u l-komunikazzjoni kienet waħda verbali, u li din il-konfużjoni ntużat a detriment tagħhom.

19. L-appellat jirribatti illi dan l-aggravju, kif ukoll il-bqija tal-aggravji, ma jreġux għaliex l-appellanti Zammit huma midħla sew fil-ġestjoni tax-xiri ta' *gasoil* kemm sdazjat u kif ukoll bid-dazju mħallas stante li mill-istess fond joperaw pompa għall-bejgħ ta' karburant għall-vetturi tat-triq. Targumenta li l-verżjoni mogħtija minn Chris Cini mhijiex verosimili u li l-allegazzjoni tal-appellanti li kellhom il-barka tad-Dwana sabiex kwalunkwe *bowser* jintuża bħala maħzen tas-SISA ġiet kategorikament miċħuda minn kwalunkwe xhud tad-Dwana. Skont l-appellat dan juri ċar li l-ħażna tal-*gasoil* sdazjat f'*bowser* mhux liċenzjat għal dak l-iskop u n-negozju ta' *gasoil* sdazjat ad insaputa tad-Dwana u l-awtoritajiet

konċernati kien qed isir b'dannu kummerċjali għal negozjanti onesti li jottemperaw ruħhom mal-liġi doganali tas-SISA. Jikkontendi illi l-appellanti jibbażaw ruħhom fuq spekulazzjonijiet gratwiti li d-Dwana kellha xi konfużjoni li ma ġew pruvati bl-ebda mod minnhom, u li huwa ċar li liċenzja li qatt ma nħarġet ma setgħatx tiġi mġedda jew b'xi mod sanzjonata.

20. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-bowser li ma kienx reġistrat mal-awtoritajiet bħala maħżen tas-sisa. Ħareġ mill-provi li l-vettura ma kienet qatt reġistrata biex iġġorr karburant eżenti mill-ħlas tas-Sisa skond il-liġi. Min-naħa tagħhom, l-atturi jippruvaw ixejnu dan kollu billi jgħidu li ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni marbuta ma' użu ta' tax warehouse kienu skaduti għaliex ma kinux ġew imġedda mid-Direttur mal-għeluq tal-ħames (5) snin mill-ħruġ tagħhom. Dan l-istat ta' fatt mhuwiex biżżejjed biex isejjes l-argument tal-atturi, meta wieħed iqis li l-vettura KAB 487 qatt ma kellha ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala tax warehouse maħruġ fuqha, la mid-Direttur u lanqas minn xi awtorita' kompetenti oħra;"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

21. Wara li rat l-atti, il-Qorti tqis illi l-'kaos' allegat mill-appellanti ma jirriżultax. Dak li jirriżulta huwa li meta ċ-ċertifikati ta' *Tax Warehouse Keepers* u *Tax Warehouse* skadew, id-Dipartiment ta' Dwana ma ġeddidhomx għaliex kien qiegħed jagħmel eżerċizzju ta' reviżjoni tal-kondizzjonijiet u l-garanziji relattivi. Mix-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti, u senjatament Albert Scerri, Tonio Scalpello u Toni Zammit, jirriżulta illi kienet ittieħdet deċiżjoni li min kellu ċertifikati ta' *Tax*

*Warehouse Keeper* u *Tax Warehouse* li skadew, seta' jkompli jopera bl-awtorizazzjoni tad-Dipartiment u li d-Dipartiment ma kienx qed jieħu passi f'dan ir-rigward. Huwa minnu li kien ikun ferm aħjar u aktar għaqli li deċiżjoni bħal din tiġi kkomunikata lil persuni kkonċernati bil-miktub. Jirriżulta pero` li ċ-ċertifikazzjoni ta' *Tax Warehouse Keeper* u *Tax Warehouse* hija kollha rreġistrata fuq *database* elettronika tal-Unjoni Ewropea u li kull min kellu dawn iċ-ċertifikati seta' jivverifika li jista' jkompli l-operat tiegħu minn fuq dan id-*database*. Dan ikkonsidrat illi mix-xhieda ta' Albert Scerri u ta' Joseph Chetcuti jirriżulta li d-Dipartiment ma neħħa lil ħadd minn fuq dan id-*database* meta skadew iċ-ċertifikati waqt li d-Dipartiment kien qiegħed jagħmel il-proċess ta' reviżjoni msemmi. Għalhekk, għalkemm kif ingħad kien ikun ferm aħjar li kieku d-Dipartiment ħareġ xi tip ta' avviż bil-miktub fejn spjega l-*policy* tiegħu għaż-żmien waqt li kienet qed isir ir-reviżjoni, jirriżulta li d-Dipartiment kien adotta pożizzjoni ċara li kienet qed tiġi segwita b'mod kostanti mill-membri tiegħu.

22. Fir-rigward tal-vettura KAB487 jirriżulta illi din qatt ma kellha ċertifikat ta' *Tax Warehouse*. Fil-fatt, jirriżulta mix-xhieda tal-Inginier Stephen J Mifsud, li ma ġiet bl-ebda mod kontestata mill-atturi, li fir-rigward ta' din il-vettura u xi vetturi oħra kienet ġiet sottomessa applikazzjoni mal-MRA fis-27 ta' Mejju 2010 iżda din l-applikazzjoni ma kinitx kompluta. Sussegwentement ġiet sottomessa applikazzjoni oħra fir-rigward ta' xi vetturi, iżda dik mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioe`

KAB487, ma kinitx waħda minnhom. Għalhekk din il-vettura effettivament qatt ma kellha awtorizazzjoni mill-MRA biex tkun eleġibbli għaċ-ċertifikat ta' *Tax Warehouse* li sussegwentment jinħareġ mill-appellat. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' Chris Cini li qal li fir-rigward tan-nuqqas ta' ċertifikazzjoni "…jekk kien ikollhom problema kellha tkun l-MRA. Id-Dwana qatt ma tiġi teżamina trakk…" (*fol.* 291), minn liema din il-Qorti tifhem li allura l-atturi kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li l-awtorizazzjoni tal-MRA kienet kruċjali. *Del resto*, l-appellanti kellhom diversi *Tax Warehouses*, u għalhekk kienu jafu eżatt x'kienet il-proċedura meħtieġa u x'kienu l-kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami Albert Scerri spjega li hemm distinzzjoni bejn *Tax Warehouse* b'ċertifikat skadut u *Tax Warehouse* li qatt ma kellha ċertifikat għaliex sabiex jinħareġ iċ-ċertifikat jeħtieġ l-awtorizazzjoni tal-MRA, jeħtieġ li ssir garanzija u hemm xi kondizzjonijiet oħra li jridu jiġu sodisfatti, fosthom li din it-*Tax Warehouse* tiġi mmarkata bħala tali.

23. Din il-Qorti tqis li huwa inverosimili li l-appellanti kellhom awtorizazzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana sabiex jużaw il-vettura msemmija bħala *Tax Warehouse* minkejja li din qatt ma kellha ċertifikat f'dan is-sens. L-ewwel nett, għalkemm Michael Zammit xehed li ċertu Lawrence Sammut kien qallu li jekk jitħallas id-dazju fuq *gasoil* ma tagħmel l-ebda differenza għad-Dipartiment x'jagħmlu bih, fejn jaħznuh u

kif iġorruh, dan Lawrence Sammut qatt ma ġie prodott mill-appellanti biex jixhed quddiem il-Qorti u jikkonferma jekk verament qalx hekk. Bl-istess mod, għalkemm Chris Cini qal li huma kienu jċemplu lil *Fuel Section* biex jinformawhom li ser jużaw vettura partikolari bħala *Tax Warehouse* u jieħdu awtorizazzjoni bil-fomm, l-appellanti ma produċew lil ħadd mill-*Fuel Section* sabiex jikkorrobora din ix-xhieda. Imbagħad, ikkonsidrat illi sabiex jinħareġ ċertifikat ta' *Tax Warehouse* hemm bżonn awtorizazzjoni mill-MRA, l-għoti ta' garanzija u sussegwentment il-bastiment, vettura jew maħżen għandu jiġi identifikat bħala tat-*Tax Warehouse*, il-Qorti tqis illi huwa kompletament inverosimili illi l-appellanti kienu qed jingħataw awtorizazzjoni verbali biex jużaw vettura mhux ċertifikata bħala *Tax Warehouse* għal ġarr jew ħażna ta' *gasoil* sdazjat bl-għarfien u l-awtorizazzjoni tal-awtoritajiet tad-Dwana.

24. Għaldaqstant il-Qorti taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni tal-ewwel Qorti fuq dan il-punt, u qed tiċħad dan l-aggravju tal-appellanti.

**Ir-Raba' Aggravju**

25. Ir-raba' aggravju tal-appellanti jitratta l-istat ta' ħlas tal-*gasoil* u permezz tiegħu l-appellanti jilmentaw mill-konklużjoni tal-ewwel Qorti li dakinhar tal-qbid id-dazju fuq il-kunsinna ta' *gasoil* kien għadu ma ġiex

imħallas. Targumenta li minn investigazzjoni li kienu għamlu fuq il-ħlasijiet ta' dazju fuq il-*gasoil* fil-perjodu meta seħħ il-qbid tal-*bowser* u l-kontenut tiegħu rriżulta li d-dazju tal-*gasoil* li kien qiegħed iġorr il-*bowser* KAB487 kien imħallas, u dan kif jirriżulta minn Dok MZ1. Jgħidu li l-*gasoil* kien inxtara mill-kumpanija fid-29 ta' Ottubru 2010 u fl-istess data l-kumpanija kienet ħalset għal 11,000 litru *gasoil* u fid-dokumentazzjoni li kienet ġiet sottomessa għall-iskrutinju tad-Dipartiment tad-Dwana kien ġie wkoll indikat li din kienet ser tinġarr mill-vettura KAB 487 għaliex huma ma kellhom xejn x'jaħbu. Tgħid ukoll li l-ħlas jirriżulta minn Dok MZ2 li juri li fix-xahar ta' Ottubru 2010 ġie dikjarat ħlas ta' dazju fl-ammont ta' €39,375 għal 75,748 litru ta' dazju. Jagħmlu referenza wkoll għal Dok MZ3 li jgħidu huwa r-riċevuta maħruga mid-Dipartiment tad-Dwana li tikkonferma l-ħlas, u fir-rigward tal-fatt li din hija datata 17 ta' Diċembru 2010 jgħidu li hija ħaġa normali fl-industrija tal-*gasoil* li jgħaddu ftit gimgħat sakemm isir il-ħlas u li dan huwa aċċettat mid-Dipartiment tad-Dwana għaliex l-importanti huwa li ssir id-dikjarazzjoni ta' kemm hu dovut, liema dikjarazzjoni kienet diġa` saret fiż-żmien relevanti.

26. L-appellat jargumenta illi kif sewwa kkonsidrat l-ewwel Qorti, ir-riċevuta preżentata in atti mill-appellanti hija datata 17 ta' Diċembru 2010, fuq ammont ta' *gasoil* sdazjat li fir-realta kien diġa` miżmum u għalhekk din mhijiex prova li l-appellanti kienu verament ingaġġati f'attivita` leġittima.

27. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Illi għal dak li jirrigwarda l-argument li l-gasoil ma messux inqabad minħabba li kien tħallas id-dazju, hawnhekk ukoll jaqa' fuq l-atturi li jippruvaw dak li jallegaw. Kif mitlub mil-liġi, l-aħjar prova ta' ħlas hija l-wiri ta' riċevuti. SŻS ressqet kopja ta' riċevuta biex turi li hija kienet ħallset id-dazju kollu fuq il-kunsinna ta' karburant li nqabdet. Iżda għalkemm riċevuta hija tassew l-aħjar prova ta' ħlas imwettaq, jidher mill-istess riċevuta li dak il-ħlas iġib data li tiġi ġimgħat wara l-jum meta seħħ il-qbid. Mela, dan ifisser biss li, dakinhar tal-qbid, il-kunsinna ma kinitx għadha mħallsa. Ġeneralment, l-irċevuta tikkostitwixxi prova ta' dak li tgħid u turi. L-attur Michael Żammit iressaq l-argument li bih jgħid li s-sistema kien li r-riċevuta tinħareġ ċertu żmien wara li jkun effettivament sar il-ħlas. Dan l-argument ma jidhirx li huwa ippruvat. Fid-dawl tal-kontestazzjoni dwar nuqqas ta' ħlas, SŻS kien messha tressaq kopja tal-"bankers' draft" li jissemma fl-istess riċevuta biex tixhed meta tassew offriet u ta' meta tassew sar il-ħlas u kemm damet (jekk tassew damet) ma nħarġet l-irċevuta wara li sar il-ħlas. SŻS dan ma għamlitux u għalhekk wieħed jistenna li d-data tal-irċevuta hija d-data tal-ħlas effettivament imwettaq. Minbarra dan, fejn jidħlu aspetti taż-żamma min-naħa ta' SŻS tad-dokumentazzjoni dwar transazzjonijiet marbuta ma' bejgħ ta' karburanti, mill-provi fl-atti tal-kawża joħorġu xi aspetti li jtappnu l-kredibilita' ta' SŻS, ewlenin fosthom il-fatt li SŻS saħansitra ittantat tiffalsifika dokumenti biex tgħatti xturha;"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

28. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. L-appellanti jammettu u jaċċettaw li d-data tar-riċevuta preżentata minnhom hija s-17 ta' Diċembru 2010, meta l-*gasoil* in kwistjoni kien inqabad fl-4 ta' Novembru 2010. Għalhekk bħala stat ta' fatt fil-mument meta nqabad dan il-*gasoil* ma kinitx għadha tħallset it-taxxa dovuta. L-appellanti jargumentaw iżda li kienet prattika normali u aċċettata mid-Dwana li jgħaddu xi gimgħat qabel ma jsir il-ħlas dovut. Dan l-argument tal-appellanti pero` ma jinsabx sorrett mill-provi. Jekk id-difiża tal-appellanti f'dan ir-rigward hija li din kienet prattika aċċettata mid-Dwana u li kienet

iseħħ u ladarba l-atturi appellanti qegħdin jgħidu li ma hemmx raguni valida għal qbid għax id-dazju kien tħallas, qiegħed fuqhom l-oneru li juri li l-ħlas tassew kien sar. L-appellanti pero` ma produċew l-ebda prova konvinċenti dwar dan. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, mill-provi jirriżulta li l-appellanti ffalsifikaw provi sabiex jipprovaw jaħbu dak li kienu għamlu, u dan kif jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla (*fol.* 202), u ta' Mark Bajada (*fol.* 207) u d-dikjarazzjoni magħmula minn Mark Bajada lil Pulizija li tinsab esebita a *fol.* 361. Minn dawn il-provi jirriżulta li l-appellanti ffalsifikaw *invoices* fir-rigward tal-*gasoil.* Għalkemm Chris Cini prova jispjega dawn ir-riċevuti u x-xhieda ta' Mark Bajada billi qal li l-*invoices* ma jinħarġux dakinhar li tkun saret il-konsenja, jirriżulta li meta Michael Zammit kien ġie kkonfrontat dwar dan kollu mill-Pulizija hu mhux talli ma nnegax l-allegazzjoni ta' Mark Bajada, iżda talli qal li kien ghamel hekk għaliex kien ippanikkja. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti qajla tista' tafda u tistrieħ fuq dikjarazzjonijiet magħmula minn Michael Zammit jew Chris Cini meta dawn id-dikjarazzjonijiet ma jinsabu bl-ebda mod ikkorroborati minn xi provi oħra fl-atti.

29. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Il-Ħames Aggravju**

30. F'dan l-aggravju l-appellanti jikkontendu illi l-appellat ma rnexxielux jipprova li ma kinitx għadha tħallset it-taxxa dovuta fuq il-*gasoil* li ġie

trasferit minn Motor Tanker San Bert għal vettura KAB 487 u li mingħajr din il-konferma l-qbid għandu jitqies null għaliex l-element fattwali rikjest huwa nieqes. Isostnu li x-xhieda prodotti mill-appellat ma kinux f'pożizzjoni li jikkonfermaw li ma kinitx tħallset it-taxxa dovuta fuq l-*gasoil* jew li kellhom il-kwalifiki neċessarji jew l-evidenza f'idejhom biex jikkonfermaw dan. Jgħidu li x-xhieda ta' Bernardette Mallia tat-2 ta' Marzu 2015 tikkontrasta mad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-istess xhud in kontro-eżami fl-24 ta' April 2015, għaliex għalkemm in eżami kienet qalet li mill-analiżi tal-kampjuni kienet ikkonkludiet li ma kinitx tħallset it-taxxa dovuta fuq il-*gasoil* in kontro-eżami hija ddikjarat li hi ma tistax tasal għal konklużjoni dwar l-analiżi li tagħmel fuq il-kampjuni għaliex dan mhuwiex xogħlha. Jargumentaw għalhekk ix-xhieda tagħha spiċċat saret irrelevanti u l-appellat ma jistax jistrieħ fuq l-eżerċizzju magħmul minnha għaliex hija ma tistax tgħid jekk il-*gasoil* kienx '*duty free*', u ċioe` li ma kinitx għadha tħallset it-taxxa dovuta fuqu, jew '*duty paid*' u li ma hemm l-ebda xhud ieħor li interpeta l-analiżi li saret fuq il-kampjuni minn Mallia u li kkonkluda li l-*gasoil* ma kienx '*duty paid'*. Jgħidu li l-verżjoni ta' Anthony Fenech li kien hemm illegalita` fil-*gasoil* li nstab fil-*bowser* inbidlet meta xehed in kontro-eżami, f'liema stadju qal li ma setax jikkonferma x'tip ta' *gasoil* kien ġie elevat u jekk kienx hemm illegalita` fil-kompożizzjoni tiegħu. Isostnu li meta l-espert tekniku tad-Dwana [b'referenza għal Bernardette Mallia] ma tistax tikkonferma jekk kinitx tħallset it-taxxa dovuta fuq il-*gasoil*, ix-xhieda l-oħra li mhumiex tekniċi ma

jistgħux jikkonfermaw dan minflokha għaliex m'għandhomx il-kapaċita` teknika sabiex jagħmlu dawn il-konklużjonijiet u għalhekk ix-xhieda ta' Joseph Chetcuti u Albert Scerri f'dan ir-rigward għandha tiġi skartata. Jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael u Anthony Zammit** tal-5 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema huma ġew liberati mill-akkużi kollha fil-konfront tagħhom relatati mal-ksur tad-dispożizzjonijiet doganali li jittrattaw il-mertu ta' dan l-appell.

31. L-appellat jirribatti illi l-argumenti magħmula mill-appellanti f'dan l-aggravju ma jreġġux għaliex ix-xhieda qed jiġu kwotati minnhom *fuori contesto* u li huwa ċar li r-rwol tal-Analista tad-Dwana hu li tanalizza l-kampjuni fir-rigward tal-kimiċi tan-*national markers* u mhux sabiex tieħu deċiżjonijiet dwar jekk l-appellanti kinux qed jiksru l-provvedimenti tal-Kapitolu 37 u l-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward tar-referenza magħmula mill-appellanti għas-sentenza **Il-Pulizija v. Michael Zammit**, jargumenta li hemm appell pendenti minn din is-sentenza u li fi kwalunkwe każ l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali huma kompletament separati u distinti minn xulxin u l-oneru tal-prova huwa anqas oneruż fil-proċeduri ċivili.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

32. Il-Qorti tqis illi dan l-aggravju huwa fieragħ għaliex mibni fuq misinterpretazzjoni sħiħa tax-xhieda ta' Bernadette Mallia li, kif sewwa

jargumenta l-appellat, ġiet kwotata kompletament barra mill-kuntest tagħha. L-appellanti jibnu l-argument tagħhom fuq il-fatt li x-xhieda in eżami ta' Bernadette Mallia hija rrelevanti għaliex hija qalet in kontro-eżami li mhuwiex kompitu tagħha li tasal għal xi konklużjoni dwar jekk it-taxxa dovuta għall-*gasoil* kinitx ġiet imħallsa jew le*,* u li minn dan isegwi li x-xhieda ta' Joseph Chetcuti u Albert Scerri għandha tiġi skartata. Din hija interpretazzjoni tassew skorretta tax-xhieda ta' Bernadette Mallia. Mix-xhieda ta' Mallia jirriżulta li l-kompitu tagħha huwa li tagħmel analiżi fuq il-kampjuni sottomessi lilha sabiex tiddetermina l-livelli tal-*markers* li jkun hemm f'dawn il-kampjuni, u ċioe` l-*markers* '*Solvent Yellow* 124' li jidher li huwa wkoll magħruf bhala '*Sudan Marker*'u n-'*National Marker*.' A bażi tar-riżultati jiġi mbagħad determinat jekk tkunx ġiet imħallsa jew le t-taxxa dovuta fuq il-*gasoil*, liema determinazzjoni ssir fid-dawl tal-provvedimenti tal-liġi. Dak li xehdet Bernadette Mallia huwa biss li mhuwiex kompitu tagħha li tiddeċiedi jekk tħallsitx it-taxxa jew le, għaliex il-kompitu tagħha huwa biss li tiddetermina l-livell tal-markers. Huma mbagħad l-uffiċjali ta' dwana addetti li jiddeterminaw, skont il-livell tal-*markers* stabbilit minnha, it-tip tal-*gasoil.*

33. Għalhekk, il-fatt li Mallia tat opinjoni fix-xhieda in eżami tagħha dwar xi jfissru l-livelli tal-markers li rriżultaw mill-analiżi tagħha, anke jekk jista' forsi jfisser li din ix-xhieda nnifsha hija rrelevanti, ma jfissirx illi r-riżultati tal-analiżi tagħha huma rrelevanti, għaliex ma tressqet l-ebda

prova li xxejjen din l-analiżi u r-riżultati tagħha. Imbagħad, ix-xhieda ta' Joseph Chetcuti u Albert Scerri hija bbażata mhux fuq ix-xhieda in eżami ta' Bernadette Mallia, iżda tar-riżultati tal-eżami li sar minnha. Fil-fatt, kemm Joseph Chetcuti u kemm Albert Scerri xehdu qabel Bernadette Mallia, u għalhekk żgur li x-xhieda tagħhom mhux ibbażata fuq ix-xhieda mogħtija mill-istess Mallia. Jirriżulta ċar li l-konklużjoni li fuq dan il-*gas kienet għadha ma tħallsitx it-taxxa dovuta* waslu għaliha abbażi tar-riżultanzi tal-analiżi li saret fuq il-kampjuni u fid-dawl tal-liġi.

34. Fir-rigward tar-referenza magħmula għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Zammit**, il-Qorti tirrileva li kif intqal mill-appellat, il-proċeduri ċivili u kriminali huma separati u jinvolvu grad ta' prova ferm differenti. F'dawn il-proċeduri l-appellanti ma rnexxielhomx juru li l-ksur tal-liġi addebitat lilhom mill-appellat ma seħħx, u għaldaqstant dan bilfors għandu jwassal lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tagħhom.

35. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell fir-rigward ta' Anthony Zammit, tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm